MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 16/2010

Il-Pulizija
(Spettur Dr Mario Cuschieri)

vs

Alain Schmitt

**IL-QORTI RIMANDANTI**

Rat it-talba ghall-estradizzjoni (fol 1 tal-atti) tal-imsemmi Alain Schmitt, maghruf minn issa l-quddiem bhala ‘l-estradant’ u li biha, fuq talba tal-Prosekutur Pubbliku ta’ Thionville, Franza wara l-hrug ta’ mandat ta’ arrest mit-Tribunal msemmi, datat l-14 ta’ Novembru 2005 fil-konfront tal-estradant li hu mfittex mill-awtoritajiet kompetenti gudizzjarja ta’ Franza, pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali numru 320 tal-2004 ghar-reati ta’ sekwestru ta’ persuna, estorsjoni u atti vjolenti kommessi ma’ ohrajn.

Rat ic-certifikat tal-Avukat Generali skond l-artikoli 6A u 7 tal-istess Avviz Legali citat (fol 19 ibid) kif ukoll l-Alert skond ix-“Shengen Information System” mahrug fil-konfront tal-estradant (fol 5 sa fol 7).

Rat l-imsemmi mandat ta’ arrest ewropew bil-lingwa franciz u tradott fil-lingwa ingliza (fol 8 sa fol 18 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazjoni finali.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi, in riassunt, dawn il-proceduri, wara li gie konkluz dak li hu intitolat bhala “the initial hearing”, tkomplew billi ntlahaq l-istadju tal-“<u>extradition hearing</u>” propju fejn din il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet u xi provi li huma setghu pproducew kellha Tiddeciedi dwar jekk id-delitti in ezami u specifikati fil-mandat ta’ arrest ewropew, huma “extraditable” o meno u jekk fil-posittiv dwar jekk hemmx xi impediment, skond kif elenkati fil-ligi, ghall-estradizzjoni vis-à-vis l-estradant.

Illi digja nghatat decizjoni fis-27 ta’ Jannar 2010 dwar l-estradibilita o meno tal-istess seba’ delitti li huma addebitati lill-estradant u ghalhekk din il-Qorti ghaddiet sabiex , kif jghid l-istess Avviz Legali in ezami sabiex tikkonsidra jekk hemmx xi impediment ghall-estradizzjoni skond l-artikolu 13 ibid.

Illi f’dan l-istadju, l-istess estradant, permezz tal-abili difensur tieghu u fil-presenza tieghu kien iddikjara (ara l-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Jannar 2010) u kien qabel illi jista’ jigi sorvolat l-imsemmi artikolu 13 “…in vista’ li f’dan il-kaz ma jissustiex xi impediment ghall-estradizzjoni”.

Illi konsegwentement dawn il-proceduri waslu fil-parti finali taghhom. Difatti skond l-istess verbal li ghadu kemm gie citat, id-difiza irrilevat illi l-estradant, quddiem il-Qorti franciza involuta kien <u>gie gudikat “in absentia”</u>.

Illi hawnhekk, bhala fatt, jrid jinghad illi skond l-istess mandat ta' arrest (fol 13 ibid) f'dan il-kaz trattasi ta' sentenza li tista' tigi esegwita, wara is-smigh tal-partijiet kollha nvoluti, mit-Tribunal barrani u moghtija fis-7 ta' Ottubru 2008 u esegwibbli fis-27 ta' Jananr 2009. L-istess sentenza nghatat "in absentia" wara li l-estradant kien gie msejjah sabiex jidher quddiem l-istess Tribunal u fid-data stabbilita ghas-smigh (ara fol 14 ibid) waqt li jinghad ukoll li l-estradant ghandu dritt ta' appell sal-4 ta' Jannar 2015.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, l-artikolu 23 ibid hu dak rilevanti f'dan il-kaz u jkun utili li jsir riassunt tieghu f'dak li hu rilevanti ghall-kaz in desamina.

Illi dan jibda billi jghid, illi l-Qorti trid tiddeciedi jekk l-estradant giex processat fil-presenza tieghu ("in his presence"). Fil-kaz in desamina digja nghad illi l-estradant kien instab hati tar-reati addebitati lilu, b'kollox sebgha (7), meta ma kienx prezenti. Konsegwentement, din il-Qorti trid tara jekk, f'dan il-kaz, l-estradant kienx assenti deliberalment u intenzjonalment ("deliberately absented himself" skond l-artikolu 23(3) ibid). Dwar dan il-punt, li jittratta dwar proceduri fl-assenza ta' imputat jew akkuzat li ma hux ammess fil-ligi Maltija, hlief f'xi eccezzjonijiet li ma hemmx lok li jigu elenkati, din il-Qorti, dwar l-isess punt, ser tanalizzah b'mod restrittiv u a bazi tal-principju "in dubio, pro reo" . Filfatt, wiehed jista' jghid fuq dan il-kaz li ma irrizultax, b'mod konvincenti, illi l-estradant, intenzjonalment u deliberalment assenta ruhu u ma attendiex ghall-proceduri kontra tieghu fil-Qorti franciza. Konsegwentement l-estradant ghandu juzufruixxi mill-artikolu 23(5) ibid u tara jekk l-estradant hux intitolat ghal ritrattazzjoni, jew f'kaz li appell ghadu disponibbli ghalih ghal revizjoni tal-proceduri ekwivalenti ghal ritrattazzjoni. Filfatt skond l-istess mandat ta' arrest hemm dikjarat illi f;dan il-kaz hemm appell ghadu disponibbli lill-estradant u dan sal-4 ta' Jannar 2015. Konsegwentement l-estradant ghandu jusufruixxi minn dak specifikat fl-imsemmi subinciz billi jkun hemm "a review amounting to a retrial". Dwar l-istess punt, din il-Qorti hi konfortata minn dak

dikjarat fid-dokument presentat fit-28 ta’ Jannar 2010 u mahrug mill-“Procureur de la Republique” fejn jinghad “…he (l-estradant) will be informed of the sentence as soon as he arrives on French territory and he will have the possibility of lodging an appeal for re-examination of the case”.

Illi dan premess, ghalhekk, din il-Qorti ser tipprocedi sabiex tara l-artiklu 24 u tikkonkludi dawn il-proceduri skond dan l-artikolu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tordna li l-istess persuna ossija estradant tinzamm taht kustodja sabiex hi tistenna li tigi mreggija lura lejn il-Pajjiz skedat involut u li hareg il-mandat in ezami u dan wara l-iskadenza ta’ sebat (7) ijiem minn din l-Ordni u sabiex jkun intitolat ghal ritrattazjoni jew f’kaz ta’ appell, ghall-revizjoni tal-kaz.

Inoltre, a bazi tal-artikolu 16 tal-Kapitolu 275 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tixtieq tinforma lill-istess persuna illi hi ghandha d-dritt ta’ appell quddiem il-Qorti tal-Appell u li jekk thoss illi l-artiklu 10(1) u (2) tal-istess Att gew miksura jew illi l-Kostituzzjoni ta’ Malta jew il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) inkisru jew jistghu qedin jinkisru fil-konfront taghha u ghalhekk jkunu gustifikati r-revoka, l-annullament jew tigi modifikata din l-Ordni, hi ghandha l-jedd sabiex tapplika ghal rimedju taht l-istes Kostituzzjoni jew Konvenzjoni msemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------